39

# L-IMNARA



GĦAQDA MALTIJA TAL-FOLKLOR

Vol. 6 Numru 1 Ħarġa Numru 22

1998

# L-IMNARA

Vol. 6 Numru 1

1998

Ħarġa Numru 22

WERREJ

| | | |
|---|---|---|
| DRAWWIET QODMA TAL-FESTA TA' SAN LAWRENZ | Lorenzo Zahra | 2 |
| SOME NINETEENTH CENTURY STREET CRIES | Anna Borg Cardona | 4 |
| MELODIJA U GHANA FID-DAR U FIT-TRIQ | Guido Lanfranco | 12 |
| IL-PRESEPJU TA' DUN ĠWANN F'ĦAL QORMI | Joe Ellul | 20 |
| IL-MOGHŻA MALTIJA F'ĦAL TARXIEN | Rafel Bonnici Cali | 23 |
| IL-VJATKU F'MALTA MIS-SEKLU SITTAX SAS-SEKLU DSATAX | Guido Lanfranco | 26 |
| LAPSI FI DRAWWIETNA MGHODDIJA | Lorenzo Zahra | 35 |
| LISTA TA' MEMBRI EFFETTIVI TAL-GHAQDA MALTIJA TAL-FOLKLOR GHAS-SENA 1998 | | 37 |

Bullettin tal-Għaqda Maltija Tal-Folklor. Joħroġ darba fis-sena. L-opinjonijiet li jidhru hawn m'humiex neċessarjament dawk ta'l-istess Għaqda jew ta' l-Editur, jekk mhux hekk speċifikat.

**Indirizz ta' l-Editur: 78, Triq San Trofimu, Tas-Sliema SLM 02**

# DRAWWIET QODMA TAL-FESTA TA' SAN LAWRENZ

Lorenzo Zahra

Meta l-Birgu kiwn miżgħud bgħadd kbir ta' nies jum il-qaddis padrun kien marbut ma' certi drawwiet qodma li ftit jew xejn nafu kif daħlu fostna. Nibda biex ngħid li l-festa kienet tkun imħejjija b'novena, li matulha meta filgħodu kmieni kienet issir qudiesa u wara nofsinhar il-kurunella, l-innu, l-antifona u l-barka. Fl-aħħar jum tan-novena il-predikatur kien jiddedika l-priedka għall-ġrajja ta' l-assedju l-kbir, għalhekk isejħulha "l-priedka ta' l-assedju" u ssir filgħodu kmieni. Kienet użanza ta' li qabilha ma tkunx priedka ta' eżortazzjoni, imma ta' tifħir lil San Lawrenz. In-nies kienu jsumu sawma billi jieklu biss frott lejlet il-festa. L-aħħar jum tan-novena, il-jum ta' qabel is-sawma, kien imsejjaħ l-antiviġilja, għax fl-imgħoddi kien jum ta' obbligu tas-sawm.

Meta kien isir l-armar mat-toroq, għal uħud kien għors u tixbit. Niftakru liċ-"Ċiċċajjo" , raġel qalbieni, erħilu jixxabbat biex jarma l-"kuruna" jew "iċ-ċorma" , jew meta fuq il-kolonna għolja ġmielha kien jittella' S.Lawrenz tad-Dawl lill-Għomja.

L-għola bandiera fil-Birgu kienet dik ta' fuq it-torri ta' l-arloġġ, u allura din kienet tkun l-arma tal-Birgu; aktarx l-isdbaħ u l-għola bandiera. Apparti min-nar tal-ġiġġifogu li kien ikun armat fil-pjazza, kien ikun hemm ukoll għadd ta' maskli ma' l-art, għahekk qrib il-knisja kien jingħalaq għal xi ħin waqt l-isparar ta' dawn il maskli. Kienu wkoll jixgħelu "kaskati" mill-kampnar; dawn kienu qishom platti bin-nar jixgħelu, li jitfgħuhom, u sa ma jinżlu lejn l-art kienu jintfew.

Waqt il-marċ kien jingħata "l-ballun" fil-pjazza. Dan kien ikun bl-għasafar u kien jinfetaħ bil-musketterija biex jittajru. Xi għaqdiet u wkoll il-parroċċa kienu jqassmu ħobżiet ta' ratal lil diversi familji fqar.

San Lawrenz jiġi fl-eqqel tas-sajf bi sħana kbira, għalhekk Jum San Lawrenz kien magħruf bħala l-aqwa tas-sħana, meta ma tismax min jgħidlek li San Lawrenz jixwina bħalma xwew lilu!

Hemm żewġ użanzi oħrajn komuni mhux biss f'Malta imma wkoll fl-Italja u xi pajjiżi oħrajn. Fix-xahar t'Awwissu jidħru l-kwiekeb jiġġerrew, li mill-astronomi

jissejħu l-Perseide; il-poplu jsejjaħ dan il-ġiri ta' kwiekeb "dmugħ ta' San Lawrenz", u fil-jiem tal-festa joqgħodu għassa biex jarawhom. L-użanza l-oħra kienet dik li fil-jiem ta' San Lawrenz, x'uħud kienu jfittxu fil-ħamrija u anke fil-qsari u fl-art, biex isibu frak iswed ta' ġebel żgħir, li kienu jsejħulu "faħam ta' San Lawrenz". Fl-Italja, f'San Lawrenz isiru diversi fieri agrikoli, waqt li fi Franza, il-qxur tal-bajd ma jitfgħuhx fin-nar bħala rispett lejn il-qaddis.

F'Malta għandna xitla magħrufa bħala Ħabaq ta' San Lawrenz. San Lawrenz ukoll jissemma f'xi għanja popolari min-nies tal-kampanja, bħalma jiġri wkoll fi Sqallija u fl-Italja.

Dari l-ommijiet ma kienux jonqsu li meta jkollhom tarbija jippreżentawha lil San Lawrenz, u ma kontx issib familja li ma kienx ikollha tifel jew tifla jisimhom Lorenzo jew Lorenza. Mhux hekk biss, imma kienu jsemmu l-uliedhom għal missier u omm San Lawrenz, bl-isem ta' Orenzo u Paċenzja. Iżda llum daħlu isimijiet strambi tal-artisti tat-TV, kif tista' tara mill-bullettini parrokkjali.

---

**Sħubija fil-Għaqda Maltija Tal-Folklor**

Kull min jinteressa ruħu fil-folklor jista' jissieħeb f'din l-Għaqda. Il-ħlas huwa biss Lira Maltija fis-sena, iżada min jidħol l-ewwel darba iħallas ukoll lira għar-reġistrazzjoni. Il-bullettin tal-Għaqda, "L-IMNARA" li jiġi pubblikat darba fis-sena, ma jinbihx fil-ħwienet, iżda jintbagħat biss lil membri li jkunu ħallsu għas-sena kurrenti, jiġifieri il-membri effettivi. Il-lista tal-membri effettivi, (li jkunu ħallsu għas-sena kurrenti) qed tidher f'"L-IMNARA").

Kopji ta' L-IMNARA imorru ukoll, skond il-liġi, fil-librerji nazzjonali ta' Malta u Għawdex, iżda tmur ukoll fil-Librerija ta' Belt-Is-Sebh u l-librerija tal-Mużew Nazzjonali, kif ukoll fil-Librerija tal-Università

Kull ħlas għandu jintbgħat **BISS** lit-teżorier, is-Sur J.F.Porsella Flores, 69, Triq il-Palma, Paola.

**Kitba Għall-Imnara**

Kull kitba biex tiġi pubblikata f'L-IMNARA tista' tkun bil-Malti jew bl-Ingliż u għandha tkun DEJJEM ORIĠINALI, u qatt ma tkun pubblikata qabel band'oħra, u preferibbilment ta' nteress lokali. Il-indirizz ta' l-Editur huwa 78, Triq San Trofimus, Tas-Sliema SLM 02.

## SOME NINETEENTH CENTURY STREET CRIES

Anna Borg Cardona B.A., L.T.C.L.

The custom of carrying out all sorts of trades and occupations out in the street has long been a characteristic feature of Maltese life. Up to the first half of the 20th century, it was still common to hear a cacophony of sound from hawkers "crying their saleables" through the town and village streets. Each vendor had his own particular recognisable cry which involved a short melodic motif, very often with stereotyped phrases carried down from previous generations.

Many age-old occupations have now died out or have been moved to fixed regular shops. The cry which was so important in announcing the presence of the *venditore ambulante*, lost its raison d'etre when the hawker was no longer mobile. It is unfortunate, but perhaps inevitable, that each individual cry was not recorded at the time. Today we are left with very few of the colourful sounds so common in generations past. We can only imagine past market sounds in Malta through those few cries still in use today and, also, through informative travelogues, especially those written in the 19th century. From these accounts, I have selected a few extracts involving cries commonly heard in our streets some 200 years ago.

One early 19th century traveller, **AENEAS ANDERSON** leaves us a particularly interesting picture of a trade which has now become obsolete. In his *Journal of the Forces (1802)* he describes woodcutters in Valletta as he saw and heard them in the winter of 1800: "These men who are more numerous than may be imagined, are armed with an axe and a saw, with a chisel and a wedge, and thus equipped they pass through the streets, making known their want of employment by a certain kind of cry peculiar to their occupation." (p.180)

Their street cry was evidently a motif or phrase typifying the woodcutter's trade, and, at that time, easily recognisable to all. Unfortunately, Anderson goes no further in the description of the cry, leaving us none the wiser as to the words or type of intonation used. A hand-coloured etching portrays a woodcutter of the same period (Fig.1 ) certainly armed with an axe and possibly with more tools inside his *ħorġa.*

Another visitor, the poet **S.T.COLERIDGE** enjoyed a lengthy stay of over a year in Malta, during which time he became under secretary and later public secretary to Alexander Ball. During these months of 1804, his continued addiction to laudanum made him increasingly irritable. With his nerves in such a state, the hubbub in Malta seemed particularly acute and noticeable to him. In one of his letters he in fact described the Maltese as "the noisiest race under heaven" (SULTANA p.152). As for the street vendors' cries, he described these in a nutshell as "a sudden bellow shot high up into the air with bomblike burst..." (SULTANA p.147). Coleridge seems to encapsulate all street vendors' cries within this description without specifying individual calls, indicating that sudden high pitched motifs were then a typical ingredient, as indeed they still are today.

In 1831, an American traveller by the name of **ANDREW BIGELOW** published a far more vivid description of some other occupations common to 19th century Maltese life. Bigelow was on the island in 1827 and, like most travellers of the time, took up residence in Valletta. During his stay, he encountered water sellers who were then commonly seen in the streets of the city: "There is a tribe of water-carriers who go about town crying *Acqua*, but barbarously pronounced *Arkoo*. They are chiefly useful to the poorer families which occupy a single apartment or two, as is usual in the many of the great buildings, and who have not the privilege of private cisterns. A large stone vessel is daily replenished by the carriers in each of these little domiciles at an expense of a few grains - five of which only amount to a cent. The men bear the water about in small casks. They supply them at the several city fountains.. . " (p.123)

Two 19th century lithographs, (Figs. 2 & 3) both depict water sellers very similar to Bigelow's description. Each is seen carrying a small wooden cask slung round the neck and held beneath the arm. The cask has a little tap on one side through which the water is let out. The water sellers also carried tumblers round the waist for any individuals requiring to quench their thirst. With elementary rules of hygiene being non-existent, the same tumblers were presumably being passed round to all and sundry.



Fig. 1



Fig. 2



Fig. 3

In the Brocktorff lithograph the robust water seller, impatiently awaiting payment, is in sharp contrast to the puny looking gentleman to whom the water is being sold. It is worth mentioning that C. Brocktorff's visual representations (Fig. 3) were at the time particularly relied on as faithful replicas of the subject depicted. We find George Waring (1843) singing their praises and describing them as "accurate drawings" at a time when photography was still in its infancy and travellers had no other memento to rely on other than an artist's impression. .

In the cold month of February of 1827, Bigelow also heard another cry which has faded out of existence, that of chestnut vendors. His description is as follows:

"Besides the perpetual cry of *acqua,* there is another scarcely less constant of *Castagne, Castagne..* The chestnuts (so the word implies) are sold roasted. They are unusually large being thrice the size of our native ones. They are said to be Spanish. But there would be no end to describing the various vociferations of the passing crowds. All is noise, hubbub and hurry."

To Bigelow the "vociferations" of the Maltese were particularly notable, as they were to every traveller unaccustomed to this Mediterranean element. It is curious that both the cries mentioned by him, uttered by the presumably uneducated lower orders of society, seem to have been in the Italian language - *Acqua*, which, to Bigelow sounded like *Arcoo*, and *Castagne, Castagne.* It is of course possible that the traveller could have mistaken the similar- sounding Maltese word *Qastan* for *Castagne*, but, on the other hand, there is also no doubt that Valletta was then more cosmopolitan and that street hawkers had therefore to cater for these divergencies as best they could.

The same author was particularly horrified that on Sundays, the poorer people were "going about the streets crying wares, water and fruit for sale" (p.194), and records that nowhere had he encountered "such a total perversion of the Sabbath" (p.118).

A typical fruit seller that the American traveller would have seen is depicted in a lithograph also attributed to one of the Brocktorff artists (Fig. 4). This print shows the fruit vendor selling late summer or autumn fruits including water melons, grapes, pomegranates and prickly pear. He is here depicted in the process of clinching a sale of the latter fruit, which he is cutting open with a knife in much the same fashion as is

Fig. 4



FRUIT-SELLER



Fig. 5



Fig. 6

still done today. It would have been interesting to know whether this particular vendor was crying *"Tax-xitel il-bajtar"* as he does today, but that . . . we will never know.

We find that several vendors appearing in 19th century iconographic sources are depicted holding their hand up to their cheek or ear while crying their wares. This feature is clearly an integral part of Maltese street crying. Two lithographs (Figs. 5 & 6) depict street vendors very clearly in this pose and another by Michele Bellanti (Fig. 7) illustrates a vendor in Strada Levante, Valletta, caught in the act of street crying with his hand raised to his ear. It is interesting that this same gesture is also a crucial detail in traditional singing known as *Ghana*. We find a 19th century lithograph by L. Brocktorff (1838) which portrays five *għannejja* with their hand likewise raised to their ear whilst singing, (Fig. 8) This practice is still carried on by some *għannejja* to this day, though street hawkers seem to have given up the custom.

All street vendors in the past gave great importance to their cries and considered them an integral part of their trade. There is in fact a Maltese saying which refers to the importance of a good street call: *L-Għajta nofs il-bejgħ,*, meaning that half the sale is already achieved with a good street cry. Most families in the past were likely to carry on the same trade as their fathers before them, so that the younger generation would have learnt the art of street calling by listening and imitating their elders, often continuing to use the exact same words they were accustomed to hearing. In this way similar intonation and motifs continued to be recycled from generation to generation.

Though the above quoted travelogues and the iconographic sources are all sadly lacking the street crier's melodic motif which would be of so much interest to us, yet, every detail available proves priceless in piecing together and elucidating the picture of our past. Now most business is carried out *inside* shops and one may even go through daily life rarely encountering street hawkers. A trip to a village market, however, may prove most rewarding to those who enjoy a "sudden bellow", "hubbub" and "vociferations". Each little melodic motif heard today is the trademark of the individual hawker, but is also a dwindling remnant of cries from generations past.



Fig. 7



Fig. 8

BIBLIOGRAPHY

ANDERSON, Aeneas. *A Journal of the Forces*. London: J. Debrett, 1802.

BADGER, George Percy. *Description of Malta and Gozo*. Malta: printing and lithography by M. Weiss, 1838.

BIGELOW, Andrew. *Travels in Malta and Sicily with sketches of Gibraltar* in 1827. New York: Carter, Hendee & Babock, 1831.

SULTANA, Donald. *Samuel Taylor Coleridge in Malta and Italy*. New York: Barnes and Noble, 1969.

WARING, George. *Letters from Malta and Sicily*. London: Harvey & Darton, 1843.

---

Fig. 1 Casseur de bois Hand coloured etching, 19cm. x 13.5cm (image), Museum of Fine Arts, Malta, Inv. No. 1534

Fig. 2 Acquajuolo- Water Seller. 19th century coloured lithograph, 25.0cm x 17.6cm (image). Museum of Fine Arts, Malta, Inv. No 1072.

Fig. 3 Maltese selling ice-water,C. Brocktorff, coloured lithograph, 16.5cm x 19.7cm (image), Museum of Fine Arts, Malta, Inv. No. 1004.

Fig. 4 Fruit seller. Brocktorff (?) lithograph. Private collection, Malta.

Fig. 5 Pollajuolo-Poulterer, 19th century coloured lithograph , 25.0cm x 17.6 cm (image). Museum of Fine Arts. Malta, Inv.No.1062.

Fig. 6 Pasticciere-Pie man, 19th century coloured lithograph, 25.0cm x 17.6 (image). Museum of Fine Arts, Malta. Inv. No 1068.

Fig. 7 Strada Levante. M. Bellanti, lithograph, 19.6 cm x 15.0 cm. Museum of Fine Arts, Inv.No. 1030

Fig. 8. *Għannejja* . Detail from lithograph by Luigi Brocktorff in *Badger's Description of Malta and Gozo* (1838 image) . Museum of Fine Arts, Malta. Inv. No. 1062

---

# MELODIJA U GĦANA FID - DAR U FIT - TRIQ

Guido Lanfranco

F' L-Imnara Nri. 16, 17 u 20 kont ippubblikajt għadd ta' għanjiet qosra ta' erbagħ linji (*quatraines*),[1] li normalment kienu jitkantaw minn nisa waqt ix-xogħol tad-dar li fl-imgħoddi kien jieħu ħafna ħin, bħal ħasil tal-ħwejjeġ u trabi, tisjir, inxir, u mogħdija kif ukoll xogħol ieħor bħat-tballit tal-bjut u xogħlijiet oħra. L-irġiel kienu jkantaw ukoll għanjiet ta' l-istess għamla. Dan it-tip ta' għana ilu bosta snin jeżisti fil-gżejjer tagħna, dejjem jinbidel, jintilef u jieħu postu ieħor skond iż-żminijiet, meta n-nies maqtugħin fil-kampanja u fl-irħula ma kienux influwenzati mill-mużika u kant klassiċi li kien hemm fil-ftit familji u organiżżazzjonijiet nobbli jew sinjuri. Għad baqa' bosta li jiftakru minnhom, u hemm bosta li smajnihom aktar minn darba jvarjaw minn post għall-ieħor, kif wieħed għandu jistenna fit-tradizzjonijiet orali.

Fil-ħarġiet ta' L-Imnara msemmijin fuq, deheru l-kliem biss ta' dawn it-taqbiliet, iżda l-għan tiegħi din id-darba hu li nuri wkoll il-melodija sempliċi ta' dawn l-għanjiet qosra popolari.[2]

Għall-għanijiet ta' din il-kitba, il-melodiji nista' niġborhom f'dawn it-tliet kategoriji: (i) dawk li s-suġġett jew ideja tagħhom jitgħannew fi strofa waħda t' erba' versi, jiġifieri *quatraine* wieħed. (ii) għanja mibnija fuq għadd ta' *quatraines* dwar suġġett wieħed, bħallikieku għanja tal-fatt, Iżda il-melodija ta' l-ewwel strofa tirripeti ruħha l-istess għal kull strofa. (iii) għanja bi strofa waħda, ukoll għamla ta' *quatraine* popolari, iżda l-melodija hija dik ta' makkjetta u tista' tgħid dejjem tkun ta' oriġini kontinentali u kontemporanja.

(i) Eżempji ta' melodija fil-għana ta' *quatraines* popolari:-

I Ej' ħanini ngħannu għanja / Ngħannuha taħt id-dukkara,
Il-leħen li għandek inti / Jixbaħ wisq ħanqa ta' ħmara! [3]



II Kont fit-tieqa qed nittawwal / Jien qlajt daqqa ta' lumija,

U kieku naf min waddabhieli / Mmur inġiblu l-pulizija.(4)



III A lilek tal-gallarija / Idħol ġewwa aħseb dnubietek,

Ħutek koroħ, kollha żżewġu, / Int sabiħa, ħadd ma jridek!(5)



IV Libsa bajda minn fuq s'isfel / Ċoff wara ieħor quddiem,

U ta' wara xtratulek ommok, / U ta' quddiem xtrajtulek jien![6]



V X'dawl ta' qamar hawn il-lejla, / Ċaqqufa ħsibtha xelin;

Poġġejtha fuq il-kredenza, / Haduhieli l-ħallelin![7]



VI U se nagħtikom il-bonasira / U żgħar u kbar, foqra w sinjuri;

U jekk jiena żbaljajt xi kelma / U nitlobkom tiklumpatuni.[8]



(ii) Għamja tal-fatt, bil-melodija tirrepeti ruħha listess għall-kull strofa:-




VII Erbatax il-sena kelli / Ħabbejt ġuvni ta' tmintax,
Wara din l-imħabba kollha / Minnu ġejt abbandunata.

Ħallejt 'l-ommi u 'l-missieri / Biex immur ma' Toni tiegħi,
Wara din l-imħabba kollha / Qalli m'għandux grazzja miegħi.

Tibża xejn inpattihielu / Għax bi kwietu ma nħallihx;
Għand il-kappillan immurlu / U nħassarlu t-tnidijiet.

Liebsa bajda minn fuq s'isfel / Minn ġo rasha mantell twil,
Hija dieħla ġewwa l-knisja / Biex hi tgħidlu s-"Sinjor si."

Kif jgħidliha "Si sinjora" / Pronta għal fuqu jien immur,
Nħidlu "Toni, Toni, ftakar / Kemm miegħi kont traditur!"

Mill-knisja għaċ-ċimiterju / Niftaħ il-qabar b'idejja;
Nixrob l-ilma tal-velenu / U fil-pront nagħlaq għajnejja.[9]

L-istess melodija kantatha mara oħra, [10] imma żiedet il-kliem:

Qabduha u sejrin biha, / Għaddewha minn fuq is-sur,
In-nies kollha vuċi waħda / "Jaħasra kif kellha tmut!"

Qabduha u sejrin biha / Għaddeħa minn Putirjal,
In-nies kollha vuċl waħda, / "Jaħasra kemm għadha tfal".

(iii) Melodija minn makkjetta fil-għana popolari:-

Il-makkjetta tkun taqbila umoristika bażata fuq melodija kontemporanja oriġinarja mill-kontinent, u li ssir popolari fost il-poplu għax tun tal-widna, u għall-bidu tkun tkantat f'xi serata tat-teatrini ta' l-irħula li kienu jsiru aktar spiss qabel il wasla taċ-ċinema. Makkjetta li tintgħoġob kienet malajr tinxtered ma' kullimkien u tidħol fid-djar. Filwaqt li l-melodija u t-tema jibqgħu dawk tal-bidu, li jkunu nkitbu għat-teatrini, il-kliem jibdew jinbidlu u jidħlu minn flokhom oħrajn skond l-immaġinazzjoni ta' l-individwu, u jiġu addattati biex jinkludu ismijiet ta' nies tal-familja, personalitajiet, ġrajjiet u sitwazzjonijiet kontemporanji. Dawn il-makkjetti jibqgħu validi sakemm in-nies tal-mument jifhmuhom għax jittrattaw sitwazzjonijiet u karattri ta' żmienhom, iżda, bħalma jiġri fil-karikaturi, għal ta' warajhom li ma jkunux jafu l-istorja, jitilfu ħafna mill-valur għax ma jibqgħux topiċi. Minn dawn kellna diversi, l-aktar mill-ewwel ftit snin tas-seklu għoxrin meta id-diski u r-radjijiet bdew jinstemgħu, ma' kant u mużika assoċjat maż-żewġ gwerer dinjin. Eżempju ta' dawn kellna tal-piki tal-futbol qabel il-gwerra, u tal-*Victory kitchen* u ta' *Ċetta tad-dudu* fi żmien l-aħħar gwerra.

**Din li ġejja, u l-melodija tagħha, hija waħda mit-taqbiliet kontemporanji dwar il-wirja ta' Wembley, għalhekk, bħall-eżempji l-oħrajn li jidhru warajha, titdħol dejjem il-kelma Wembley.**[11]

**VIII Tutina marret Wembley, / Marret għand is-saħħara,**
**Qaltilha: "Min se jirbaħ?" / Weġbitha: "Tal-Furjana"**[12]

**Minflok Tutina, kienet tissemma' wkoll Tettina, u Ċettina, u bosta ismijiet oħrajn, bosta drabi biex jixħtu botti biċ-ċajt lil-membri tal-familja, tfal u barranin; minflok Wembley, kienhemm min idawwarha Għawdex.**




**Dawn li ġejjin huma varjanti, dejjem jinvolvu l-Ċettina, Tutina, eċċ., u l-Wembley, dejjem bl-istess melodija:**

**Tettina marret Għawdex / Tettinu ma riedhiex,**
**Għax għandha l-patata ħoxna / u l-vapur ma jesagħhiex.**

**Ċettina marret Għawdex, / Marret bil-frejgatina,**
**Kif waslet f'nofs il-baħar / tela' granċ gidmilha t-tina.**[13]

**Ċettina marret Wembley / Marret bil-frejgatina,**
**Kif waslert f'nofs il-baħar / Waqgħetilha l-umbrellina.**[14]

**Sulfarina trid issiefer / Sulfarinu ma jridhiex**
**Għax għandha l-patata ħoxna / u l-vapur ma jesagħhiex.**[15]

**Ċettina marret Wembley / Marret tixtri it-tidam,**
**Għamlitu balbuljata / 't-tlittijiem tal-karnival.**[16]

**Ċettina marret Għawdex, / Marret tixtri il-ġbejniet,**
**Il-ġbejniet poġġiethom f'ħobbha / u waqgħulha fil-qalziet.**[17]

**Ċettina marret Wembley, / Marret tixtri ċ-ċikkulata,**
**Iltaqgħet ma' Tork iswed / Xuxtu bajda u nnukklata.**[18]

**Sulfarina trid tiżżewweġ, / Sulfarinu ma jridhiex,**
**Għax għandha l-patata ħoxna, / U karrozzin ma jesagħhiex.**[19]

**Ċettina marret tgħum, / Marret tgħum ġol-banjijiet,**
**Inqatgħetilha ċ-ċinga, / U niżillha il-qalziet.**[20]

**Ċettina marrert Wembley, / Hija marret bil-vapur,**
**Il-kaptan dar dawra magħha,/ qallha: "Wiċċek kollu kulur."**[21]

**Ċettina kellha tifel / Dejjem tgħidlu biex jobdiha,**
**Darba kiber, rabba l-għaqal, / Aktar għamel biex jinkiha.** (22)

**Kikina marret Wembley / Marret tixtri it-tadam,**
**Għamlithom ġewwa ħobbha / u waqawlha ġol-fardal**

**Kikina marret Wembley / Marret tixtri it-tuffieħ,**
**Għamlithm ġewwa ħobbha / u waqgħulha mill-qalziet.** (23)

NOTI :

(1) L-għanjiet jew taqbiliet li deħeru fil-ħarġiet ta' L-Imnara msemmija kienu miġburin minni waqt il-programmi tiegħi fuq ir-radju RTK. Dawn irrekordjajthom flimkien ma' bosta oħrajn, u għamilt traskrizzjoni tagħhom. Li qed jidhru l-lum huma ukoll silta ta' għanjiet miġbura b'dan il-mod, iżda din id-darba għandi il-melodija tagħhom, għax meta rrekordjajthom, dawk li qaluhom mhux biss qaluli l-kliem, iżda wkoll għannew il-melodija.

(2) Minħabba li jiena ma niktibx mużika, għaddejt ir-rekordings tiegħi tal-melodij Nri. I sa VII, li jidhru f'dan l-artiklu, lis-Sur GoeffreyD. Axiak B.Sc.(Nursing) li ġentilment qalibhomli f'melodija miktuba kif tidher hawn

(3) Mari, Birkirkara, 27-4-1994

(4) Nina, Valletta, 27-4-1994

(5) mara, Ħaż-Żebbuġ, 27-4-1994

(6) Mara, Żejtun, 27-4-1994

(7) Mari, Birkirkara, 27-1-1994

(8) Mara, Ħal Balzan 4-5-1994

(9) Gracie, Birgu, 27-4-1994

(10) Mara, Ħaż-Żebbuġ, u oħra mill-Mellieħa li qabel kienet minn Ħal Qormi, ukoll jiftakru li din kienu jkantawha t-tfajliet waqt ix-xogħol fil-fabbrika, 27-4-1994

(11) Il-melodija tan-Nru. VIII, ġentilment kitbithieli is-Sinjura Anna Borg Cardona B.A., L.T.C.L, minn fuq rekording tiegħi.

(12) Kantahieli raġel 16-11-1994. Fl-istess okkażjoni kantaha anzjan min Tas-Sliema

bl-istess kliem. L-oħrajn pariġġha li jidhru warajha, kienu kollha rekordjati fl-istess data, waqt li jien ġbarthom fl-istess programm

(13) Kienet tkantahom ommi kif tgħallmithom mill-Belt.

(14) Mara

(15) Georgette Attard, sena mill-Fgura kif tafha minn għand missierha.

(16) Marija Cassar, Rabat, Għawdex.

(17) Mara.

(18) Mara minn Bormla, issa Żabbar.

(19) Ara 18; kif kienet tgħidha ommha.

(20) Mara ta' 36 sena tiftakarha.

(21) Frans Farrugia, Ħal Għaxaq.

(22) Tessie Vella, Tas-Sliema.

(23) Mara minn Għawdex.

---




*Il Malta Pavilion fil-fiera ta' Wembley, 1924 (kartolina antika; ritratt Campbell Gray*

## IL-PRESEPJU TA' DUN ĠWANN F'ĦAL QORMI (*)

JOE ELLUL

Dun Ġwann; kont xidja ma saqajh! Żmien qabel tħabbibt miegħu kien għamel presepju jiċċaqlaq, imma dak ma niftakrux. Kien joqgħod fi Sqaq tas-Sorijiet Agostinjani bieb ma' bieb, u kellu l-*workshop* żewġ bibien 'l isfel, fejn kien jaħdem biċċiet mill presepju li kien jarma f'kamra mdaqqsa fid-domus Papa Piju X, li kien immexxi minn ħuh Dun Manwel. Biex jaħdem il-pasturi kellu forom ta' biċċiet mill-ġisem, bħal idejn, minkeb, ras, eċċ.; kien ikollu xemgħa u raża ġo borma fuq spiritiera ta' ftila waħda. Kien jiżbogħ il-forma b'xi żejt u jimliha; kif tkun għadha sħuna, jdaħħal tul ta' wajer fil-pastur xi żewġ pulzieri, u jħalli pulzier barra. Meta jimla l-forma kollha ta' ġisem il-bniedem, inaddaf il-membri mix-xtur, u jgħaqqadhom fix-xeħta li jrid, bħal rieqed, wieqaf, miexi, eċċ. Biex jgħaqqad kien isaħħan ftit il-biċċa wajer li jkun hemm barra, u kif tkun sħuna jdaħħalha bilmod fil-parti fejn imiss, jilwi kif irid u jagħti x-xeħta lill-pastur; jiġi qisu skeletru. Meta jwaqqfu, aktarx fuq biċċa kartuna ħoxna, jibda jlibbsu. Ixarrab biċċiet taċ-ċarruta fina f'taħlita ta' kolla tal-mastrudaxxa u ġibs ingliż u jlibbes bil-kostum Lhudi. Kien perfezzjonista. Wara li jħalli l-pastur jinxef, qisu ruħ bajda jew soru bla labtu, jagħti passata ġibs bil-kolla u jillixxa u jirranġa fejn jidhirlu meħtieġ. Żebgħa kien iħallat hu; terra d'ombra, minju, aħdar tat-tibjid, eċċ., fi ftit ilma u kolla. Fl-aħħar jimla l-għajnejn, id-dwiefer, iċ-ċinturin, it-terħa, il-ħorġa. il-fifra, eċċ. Kien idum iħares u jirtokka l-ħawn u l-hemm ġranet sħaħ. Kien ikollu dejjem f'rasu il-post fejn se jpoġġi l-pastur u jaħdimlu l-biċċa xena li tmiss miegħu, bħal taħt siġra (biċċa sagħtar), palma (zokk b'xi palm mdawwar bis-sogħda tas-siġġijiet), eċċ. Meta jkun lest ipoġġi kollox fuq xkaffa ħdejn oħrajn . In-nagħaġ, il-ħmar u l-iġmla kellu forom apposta għalihom; mhux kollha kienu jkunu daqs wieħed, minħabba l-perspettiva, il-kbar jitqegħdu fuq quddiem u z-għar lura, pasturi u bhejjem. In-nagħaġ kien jagħmilhom minn taħlita ta' ġibs verġni u frak ta' l-

irħam. Qabel ma jagħmilhom, kien jidlek il-forma minn ġewwa bis-sapun u l-ilma biex jinqalgħu mingħajr inkwiet. Kien iħallihom xi ġurnata fil-forma, u meta jaqlagħhom kien idurhom għaż-żejjed, u jnaddafhom sew bix-xafra. Is-saqajn tan-nagħaġ kienu jkunu ta' l-injam maħdumin minn qabel u mwaħħlin f'toqob apposta. Kellu xi nagħaġ mexjin; dawn saqajhom aktarx kienu tal-fildiferru. Kif għedt, kien jiżbogħ kollox b'sabar kbir u attenzjoni għad-dettall bl-akkwarella; ma nafx kienx jagħtihom ukoll xi lagħqa verniċ ħafifa.

Meta joqrob Settembru, Dun Manwel (il-kanonku) kien ibattallu l-kamra, u hu u jien nibdew nippustjaw l-ewwel xeni tal-ġnieb u ta' wara. Il-panneġġi tas-saqaf kien jagħmilhom minn karti ta' l-ixkejjer tas-siment. Kien jagħtihom passata ġibs Ingliż u wara jpinġI bl-akkwarella, kulur tat-tibjid u kolla, ix-xena li jrid; dawn aktarx kien jibdilhom kull sena. Kien jieħu mejda kbira tal-ping pong, ipoġġiha fuq quddiem, u jżidilha l-ġnub, il-fond u l-għoli b'xi biċċa blata tal-kartapesta jew xi ġebel rustiku. Fuq wara kien ipoġġi siġġijiet tas-sogħda, u magħhom iwaħħal xeni jew isammar xi belt li tkun preparata qabel. Fl-aħħar ipoġġi l-grotta, prominenti, dejjem fuq il-lemin. Kull sena kien iżid xi ħaġa magħha jew jibdel l-angolu. Meta kollox ikun f'loku, jgħaddi d-dawl elettriku, iwaħħal il-lampi kuluriti u jipprova d-dawl għad-dellijiet meħtieġa.

Kellu sienja *water-wheel* ħelwa ħafna u għolja xi pied, bir-razzett magħha. Din kienet trid l-ilma, għalhekk kien jgħaddi pajp tal-lastku mis-saqaf, jgħaddih taħt il-blat, u jqabbdu maż-żernuna tas-sienja. Dan kien imqabbat ma' bettija fil-kamra ta' fuq u l-ilma kien jinżel bil-gravita. Naturalment kellu vit isfel biex jagħlaq l-ilma. L-ilma kien jgħaddi jdawwar is-sienja, jgħaddi minn kanali, taparsi nixxiegħa, u jinżel ġo barmil taħt il-prespeju.

Kien iżejjen b'xi arkati, pontijiet u xi mitħna tar-riħ. Kellu mitħna sabiħa w perfetta; mhux ta' kafkaf! Kien iserrep it-triqat u l-mogħdijiet l-hawn u l-hemm, u jimla bir-ramel jew frak tas-sufra miżbugħin aħdar (ħaxix), iqiegħed is-sagħtar u l-palm , u meta kollox ikun floku kien iġib il-pasturi.

Aħna t-tfal konna mmorru l-wied niġbru l-ħażiż, minn dak li jitla' fuq il-blat, u dak il-ħaxix qisu *turf*. Konna niġbru wkoll xewk ta' l-ispraġ *(Asparagus aphyllus)*

biex jitpoġġa quddiem nett meta jkun lest kollox. Dan kien maħsub, biex meta t-tfal jiġu biex iżuru l-presepju "tal-kanonku" bi ħġarhom, (u anki l-kbar!), jekk kienu jitħajru jmissu xi nagħġa jixxewku. Kien Iġib il-pasturi u jibda jqiegħed, jew kien jgħid lili billi kont għadni żgħir u nidħol fl-irkejjen kollha, u jgħidli kif u minn fejn inqiegħed kull waħda. . . . . . "Ċaqlaq ftit dik il-ħmara, Ġuż . . . hekk aħjar . . . ressaq in-nagħaġ aktar il-quddiem għax jidhru l-bogħod wisq . . . " u hekk fl-aħħar naslu għall-grotta. Fil-għalqa tar-ragħaja indendlu xi anġlu. Kien jitgħaxxaq jarma il-grotta u miegħu nitgħaxxaq jien ukoll. Kellu sett ta' pasturi sabiħ; Bambin ikellmek, il-Madonna bilqegħda tħares ċass lejn Ġesu fil-maxtura u San Ġużepp aktarx mistgħaġeb donnu qed jgħid: " Imma din in-naqra ta' tarbija mgeżwra fil-ħreiqi hi Alla?" Ma jonqsux il-baqra u l-ħmara u xi żewġ nagħġiet. Ma' dawn kellu sett fuħħar ta' żmien Kristu, bħal borom, bwieqi, msiebaħ, qolol u bombli, u xkejjer (tat-tafal) bit-tagħam, u mas-saqaf xkaffa rixtellu u fuqha qatet tat-tiben. Fl-għerien xi baqra maqfula b'xatba taz-zkuk irqaq jew binmja ta' xi biċċa ħajt tas-sejjieħ u minn kull rokna ħierġa xi siġra jew pjuma tal-qasab miżbugħha bħaċ-ċipressa, u kwantita ta' siġar li ma nafx kif kien jivvintah!

Kollox floku, jwaħħal il-faċċata li kienet magħmula minn tliet arkati bil-"*Gloria in excelsis Deo*" mal-kartuna ħoxna miżbugħa. Kien jieħu ftit trab aħdar fuq karta u jonfoħ fuq il-blat biex jiġi qisu ħażiż. Wara kollox konna ndawwru x-xewk mal-faċċata u nixegħlu miċċu moħbi f'borma tal-fuħħar żgħira mimlija bil-qxur tal-lumi, larinġ u kannella għall-fwieħa . . .

(*) *Nota editorjali: Din il-kitba meħuda minn ittra miktuba lis-Sur J.F.Porsella Flores li jispjega li s-Sur Ellul qed jikteb dwar il-presepju ta' Dun Ġwann Porsella f'Ħal Qormi fi żmien is-snin tletin. Dun Ġwann kien Viċi f'Ħal Qormi sakemm miet fl-1939. Kien ukoll iz-ziju tas-Sur Porsella Flores.*

# IL - MOGĦOŻA MALTIJA F'ĦAL TARXIEN

Rafel Bonnici Calì

F'gażżetta Ngliża nkiteb li fl-Ingilterra hemm għaqda *The Royal Goat Society,* Għaqda prestiġjuża ħafna, għax il-mogħoża tipproduċI ħalib tajjeb u b'irħis, għax tiekol ħafna ħaxix u ikel ieħor irħis, mhux bħall-baqar li jieklu ikel li jiswa ħafna flus. Ukoll aħna l-Maltin sibna li t-trobbija tal-mogħoż taqblilna ħafna, u l-akbar merħliet ta' dawn l-annimali kienu dejjem kienu jinsabu f'Ħal Tarxien.

Kellna għanja tradizzjonali dwar il-mogħoża:

Agħmel xita, agħmel / Ħalli jikber il-ħaxix,
Il-ħaxix intuh lill-mogħża / Ħalli ttina il-ħalib!

Sibt lil Vince Schembri biex jgħinni nikteb fuq l-annimali tal-ħalib, speċjalment il-mogħoż li kien ilhom f'Ħal Tarxien sa minn żmien it-tempji neolitiċi, kif jixhdu l-figuri ta' annimali skolpiti ma' figuri oħra u pjanti ta' tiżjin ieħor li kixef il-professur Temi Żammit fl-1913 u saru magħrufa mill-arkeoloġġI tad-dinja kollha.

Vince Schembri llum huwa wieħed mill-aħjar ħaddiema fil-*farm* tal-gvern u speċjalizża l-aktar fit-tkabbir tas-siġar tal-frott. Fi tfulitu għex aktarx man-nanniet tiegħu bdiewa minn Ħal-Tarxien, imma n-nannu, raħħal mill-aħjar, kien jieħdu miegħu biex ibiegħ il-ħalib fil-Fgura u Bormla, u minn ċkunitu kellu l-ħila jaħleb. Kien tifel intelliġenti ħafna ukoll għal snajja oħra. Bniedem minn tagħna ħafna li jħobb jgħin lill-proxxmu bi spġirtu nisrani. Malli tlabtu biex jgħinnu dwar il-kitba fuq il-mogħoż, mill-ewwel wera nteress u qdieni mill-aħjar, għax mhix ħaġa ħafifa li wieħed isib raħħal li jaf l-iskola u jaf jikteb, għax ir-raħħala kważi kollha spiċċaw malli bdiet il-gwerra tal-1940, meta waqa' l-ġuħ u l-mogħoż l-bhejjem bdew jinqatlu għall-ikel fil-*Victory Kitchen.* Merħliet oħrajn kienu jeżistu ukoll bnadi oħra fosthom il-Ħamrun, li kienu jservu l-Belt, L-imsida, Tas-Sliema, eċċ. Mbagħad saret taqliba oħra meta beda l-ħalib pasturiżżat, kif għadu sa llum.

Dan li ġej huwa dak li kitibli Vince Schembri f'Novembru tal-1997, b'xi rimarki tiegħI li jidhru fil-parentesi:

Il-Merħliet tal-mogħoż f'Ħal Tarxien

Jekk tmur lura fis-snin Ħal Tarxien kien wieħed mill-irħula bil-merħliet tal-mogħoż. Persentaġġ ġmielu tan-nies kienu jgħixu bil-mogħoż, (u annimali oħra bħal nagħaġ u baqar) u kien hemm min jgħid li l-mogħoż kienu "it-tarzna ta' Ħal Tarxien". Dawn il-merħliet kienu ta' ħafna familji, famiolji bl-aħwa kollha, bħal ta' Parotti, ta' Kaċija, it-Tikki, il-Ġogu, ta' Jokk, il-Pilit, Wenza Kuluri, tal-Gidi, tas-Sejka, ta' Kalanċ, il-Barun, is-Siċċa, ta' Ċappetta, Frenċ il-Qastni, il-Qambu, ta' Suffara, tas-Sejs, il-Fufu, tax-Xaru, il-Giga, Graxxuli, il-Landa, Pawlu Ballaruxa, Pietru ta' Gan Pawl, Leli tal-Manokk, il-Bajdun, ta' Fażolu, Iċ-Ċanu, ta' Barrieru, ta' Fedrek, tad-Drogi, Iż-ŻebbuġI, tas-Sigarett Pasassi, tal-Qeqqi, Pawlu Mara, ta' Matti, (u il-Manu). Dawn ir-raħħala kienu jeżistu fi żmien il-gwerra. Kienu jbiegħu il-ħalib fl-irħula l-oħra. Il-bejjiegħ kien jgħajjat bil-ħalib u jaħleb fil-bottijiet jew buqari tann-nies li kienu jistennewhom (l-aktar fit-tliet ibliet tal-Kottonera, u jibdew madwar il-5 a.m.)

Ir-raħħala f'Ħal Tarxien kienu jbiegħu ħalib kuljum, xemx jew xita, lejn il-Kottonera u r-Raħal Ġdid. Qabel joħorġu l-mogħoż fit-toroq kienu jlibbsuhom is-sarima. Is-sarima kienet qisha xibka (tal-metall) biex tgħatti ħalq il-mogħża. B'din is-sarima l-mogħoża ma kienetx tista' tiekol mit-triq, bħal karti, eċċ. Il-pulizija kien ħarrek lir-raħħal jekk il-mogħoż ma jkollhomx sarima.(Għax kien ikun hawa ħafna deni rqiq li xi drabi kien Iġib ukoll il-mewt mill-infezzjoni tal-mogħoż).

Il-Mogħoża Maltija kellha ħafna titoli differenti, wħada mill-oħra; (skond il-kulur tas-suf u l-forma u l-kobor tas-sider). Eżempji: aħmar u abjad:- belqa bl-aħmar; abjad u iswed:-belqa bl-iswed; widnejn imniżżlin u mibrumin il-fuq:- torka; widnejn qosra:- garruħa; li qatt ma kellha gidjien:- dika: raġel tal-mogħoża:- bodbod; Meta jkun jiġri mall-merħla lill-bodbod kienu jorbtulu żewġ saqajn biex ma jgħammarx meta jrid hu. Sider sabiħ u tond:- drieħha bir-rota; sider ikrah imniżżel l-isfel:- dreiħha fliexken; denbha mgħawweġ:- bħal tal-majjal; denbha sabiħ u wieqaf:- denb frostin: bil-qrun:- qarna; b'ħafna xagħar:- midliela; bi ftit xagħar:- milgħuqa.

Il-mogħoża ddum ħames xhur biex twelled. Waħda mill-mogħoż, il-favorrita

tal-merħla, kienu jdendlulha s-sansarru m'għonqha. Is-sansarru kien forma ta' qanpiena tal-landa, bl-ilsien ta' għadma niexfa. Kulħadd kkellu sansarru ma' mogħoża mill-merħla, għalhekk kien jingħaraf fir-raħal. Il-mara tar-raħħal kienet tinduna mis-sansarru meta jkun wasal id-dar jew ir-razzaett bil-mogħoż.

Uħud mir-raħħala kienu jżommu l-mogħoż ukoll fid-dar fejn joqgħodu. Qabel ma ħolqu l-ġwież konċentrat għall-ħabta tas-Sittinijiet kien jgħalfu żrieraħ sħaħ bħal ful, qamħ ir-rum, ċiċri, pasta, li jkun ħaxix ippressat, mgħalef, silla u ġilbiena.

Il-mogħoż kienu jżommuhom fl-imqajel. Il-maqjel kienu jfassluh bil-kxaxen fejn il-mogħoż jieklu u jintrabtu bl-għollieqa. Fl-art kien ikun hemm dorga għall-awrina.

Ir-raħħal Iżejjen il-mogħoż tiegħu billi jagħmlilhom il-ħannieqa ma' għonqhom, jomxothom, u saħansitra wkoll jaħsilhom. Din il-ħannieqa kienu jagħmluha uħud mir-raħħala stess, bħal Ċensu Gialanze il-Gogu. Din kienet tkun mibruma bil-biċċiet ta' l-ixkejjer u bnadar ħomor li kienu jbiegħu is-Servizzi. Meta jinbeigħu, il-mogħoż kienu jinġarru fuq xi ħmar jew żiemel fiċ-ċestun tal-karrettun; min ma kellux biex Iġorr kien jerħilha bil-mixi. (Vince Schembri, Ħal Tarxien, Nov.1997)

---



IL-VJATKU F'MALTA MIS-SEKLU SITTAX SAS-SEKLU DSATAX

GUIDO LANFRANCO

Fost id-drawwiet tal-Maltin, l-aktar li dejjem kienu u għadhom jispikkaw huma dawk li għandhom x'jaqsmu mat-twelid, trobbija tat-tfal, namur, żwieġ, xogħol u mewt,għax dawn jiffurmaw il-bażi tal-ħajja ta' kuljum u ma tistax taħrabhom. Ma' dawn kollha hemm assoċjat il-lat spiritwali, ħafna drabi kompless, mimli devozzjonijiet, superstizzjonijiet u twemmin ieħor.

Billi l-mewt taħkem l-immaġinazzjoni tal-bnedmin kollha tad-dinja minħabba l-misterju tagħha u t-twemmin ta' ħajja spiritwali oħra warajha, kull reliġjon sawret bosta ċerimonji u attivitajiet meqjusin biex jassistu lill-morda u l-agoniżżanti u jwittu t-triq għad-dinja l-oħra. Fost l-aktar importanti għall-Insara f'dawk il-mumenti diffiċli hemm il-vjatku, meta s-S'mu Sagrament jittieħed fit-toroq għal għand il-marid jew moribond.

Hemm (i) il-vjatku għat-tqarbina tal-preċett li dejjem ikun binhar fil-Ħdud ta' wara L-Għid il-Kbir, u dejjem solenni, li jwassal biss l-Ewkarestija u (ii) l-vjatku tal-morda moribondi li jsir kemm binhar u billejl skond il-bżonn, u minbarra l-Ewkarestija jinvolvi wkoll il-griżma tal-morda; dan kemm jista' jkun kien ikun ukoll solenni, iżda fil-maltempijiet u fid-dlam kien ikun biss l-essenzjali.

## Qabel il-Fratellanzi

Mgħandniex naħsbu li l-vjatku beda biss meta bdew il-fratellanzi tas-Sagrament għax Dan xorta kien jingħata mal-griżma tal-morda minn żmien qabel. Fl-istatut tal-Fratellanza ta' Santa Marija li twaqqfet fil-Birgu fl-1445, kien hemm stipulat li kull membru kellu jikkontribwixxi sitt karlinijiet kull sena għax-xemgħa, u li jakkumpanjaw il-vjatku ta' membri sħabhom bit-torċa mixgħula.(1)

Fis-sagristija tal-konkattidral ta' San Ġwann fil-Belt, hemm merfugħ l-istandard li kienu jużaw fil-vjatku tal-gran mastri minn qabel ma l-Ordni ta' San Ġwann ġiet Malta fl-1530 minn Rodi. Huwa aħmar bid-damask tal-ħarir u juri kuruni dekorattivi rrakkmati bid-

deheb, madwar Ostja u l-ittri JHS. Kien iġorru suddjaknu bid-dalmatika akkumpanjat minn żewġ akkolti.(2)

Tista' tgħid li l-Ordni żammet l-istess forma tradizzjonali tal-vjatku. Meta kien qed imut il-gran mastru Perellos il-vjatku ħareġ f'Diċembru 1719 lejn il-palazz, imwassal mill-gran prijur bis-solennita kollha, akkumpanjat mill-assemblea tal-kappillani konventwali u l-kavallieri.(3) Meta l-Gran Mastru De Rohan kien agonizzant, f'Lulju 1797 ħareġ il-vjatku minn San Ġwann għall-palazz maġistrali. Il-proċessjoni kienet magħmula minn għadd kbir ta' kavallieri bit-torċa mixgħula, u fuq wara mexa il-gran prijur bis-Sagrament, liebes ilbies pontifikali taħt il-baldakkin merfugħ minn erba' min-nies. Meta l-vjatku daħal il-palazz, bosta uffiċjali, kappillani, paġġi u oħrajn li jkunu fil-palazz, ngħaqdu magħhom.(4) Hekk kien sar ukoll fil-vjatku tal-G.M.Pinto f'Diċembru 1772 filgħodu; il-qanpiena l-kbira ta' San Ġwann bdiet iddoqq sita sitta. Il-vjatku ħareġ għall-palazz, l-ewwel il-kjeriku bid-dalmatika bis-salib bi tmien ponot f'idu, u warajh il-bandalora, kavallieri bit-torċa mixgħula, il-mazzier, il-kleru tal-Ordni bl-ispellizza u l-muzzetta, erba' konventwali bil-kappa jżommu l-baldakkin li taħtu kien hemm il-prijur bil-kappa u s-SS.Sagrament, ieħor iżomm l-umbrella u wara s-sagru kunsill. Iżda Pinto kien dejjem jerġa' jirpila u miet ta' 91, fl-24 ta' Jannar 1773 wara 32 sena jirrenja.(5) Ta' l-isqof Labini li miet f'April 18'/ il-vjatku kien ħareġ minn S.Pawl għall-palkazz tiegħu, u kien mill-aktar impontenti.(6

Fl-istess seklu, l-vjatku kien ikun dejjem solenni. Il-qanpiena tal-knisja kienet issejjaħ lin-nies biex jakkumpanjaw, inklużi is-saċerdoti, li erbagħ minnhom kienu lbsu l-ispellizza. Nies li jkunu fit-triq wkoll jakkumpanjaw.(7) L-umbrellun kienu jġorruh il-qassisin tal-parroċċa, skond min imissu.(8) Fl-1786 L-Isla saret kolleġġjata u fost id-dmirijiet stipulati għall-qassisin kien hemm li għandhom jakkumpanjaw lis-saċerdot waqt il-vjatku tal-morda.(9) L-isqof Labini kien ordna li fil-vjatku l-baldakkin hemm jista' jkun jerfgħuh il-qassisin u mhux is-sekulari. Talab ukoll lill-qassisin u l-fratelli jħallsu ħames ħabbiet fix-xahar lill-prokoratur tal-vjatku. Heġġeġ biex binhar kull min jista' jakkumpanja u bil-lejl jakkumpanjaw irġiel biss filwaqt li n-nisa jixgħelu xemgħa jew fanal wara t-tieqa għat-triq tal-vjatku.(10) F'parroċċi oħrajn kienu jieħdu ħsieb il-vjatku l-fratelli tas-Sagrament. Meta kien jintalab vjatku jindaqqu ħames tokki sazjati qasir, joħroġ tifel bil-qanpiena biex isejjaħ lill-fratelli, u n-nisa tad-dar jagħmlu vara biex jirbħu l-indulġenzi bħal min jakkumpanja.(11)

**Sodalitajiet u Kongregazzjonijiet tal-Vjatku**

Fis-seklu sbatax ġiet stabbilita is-Sodalita tal-Agunija biex tissoda d-devozzjoni lejn Kristu Kurċifiss. Din kienet ukoll tħeġġeġ id-devozzjoni lejn Id-Duluri; ġie li iż-żewġ devozzjonijiet saru ħaġa waħda. Fl-Imdina din is-sodalita ġa kienet twaqqfat fil-kattiral fl-1640 fuq l-altar tal-Pjeta, u l-istess ġara f'Ħal Qormi. F'Ħal Għaxaq twaqqfet fl-1649.(12) Minħabba li l-fratellanzi tas-Sagrament kienu aktar mixħutin fuq ċelebrazzjonijiet Ewkaristiċi milli fuq servizzi għall-agoniżżanti, l-Isqof Rull ħareġ xi digrieti fl-1760 wara li kien għamel viżta pastorali f'Sannat. Wieħed mid-digrieti kien li fl-irħula t'Għawdex il-kappillani jwaqqfu s-Sodalita ta' l-Agunija fil-parroċċi, magħrufa wkoll bħala tal-Vjatku Mqaddes. F'ċerti postijiet, bħalma kienet f'Sannat, din is-sodalita kienet taħdem mal-fratellanza tas-Sagrament imma ma kellhiex konfratija. Xtrat it-tużell, umbrella, żewġ fanali, u erba' torċi biex jakkumpanjaw.(13)

Minbarra l-fratellanzi tas-Sagrament, f'xi bliet u rħula kien hemm l-hekk imsejħa Sodalita ta' L-Agunija, jew ukoll dik tal-Vjatku Mqaddes. F'post wieħed ġie li kienu jissemmew it-tnejn, bħal f'Ħal-Luqa, fejn fl-1665 saret ta' l-Agunija u fl-1731 tal-Vjatku.(14), iżda dawn l-ismijiet jidher li bdew jużawhom bħala l-istess ħaġa, għax f'Sannat fejn is-sodalita twaqqfet fl-1760 kienet magħrufa bit-tnejn. Ta' L-Agoniżżanti ma kienetx tieħu ħsieb il-vjatku għall-morda f'każ ta' tqarbina ta' L-Għid, imma biss f'każi ta' agunija fil-griżma tal-morda. Ma kienux jilbsu kunfratija, iżda jgħinu fil-vjatku għall-aħħar Sagramenti għax kellhom kollox, jiġifieri żewġ fanali, erba' torċi, tronett u umbrella ta' l-għażel biex jakkumpanjaw lis-saċerdot. Meta l-qassis kien ikollu jmur iqarben fuq karrettun, wara li jidlam, kienu jmorru tnejn miegħu bil-fanal u l-umbrella.(15) Fl-Isla kien hemm is-Sodalita tal-Vjatku, li għalkemm qisha fratellanza u ġie li sejħulha hekk, kienet differenti minn dik tas-Sagrament u ma kienux jilbsu konfratija. Kienu jakkumpanjaw il-vjatku tal-morda, joħorġu l-ispejjeż għax-xemgħa, korporali, tvalji, u purifikaturi għat-tqarbin; madwar l-1749 bdew ukoll jilbsu l-konfratija.(16) Wara li din l-għaqda raqdet xi ftit ġiet stabbilita mill-ġdid fl-1843 bħala l-Kongregazzjooni tal-Vjatku Mqaddes; fl-istess belt, sal-1880 il-parruċċani ddeċidew li jikkontribwixxu għall-qanpiena l-kbira li kienet isservi biex iddoqq kull darba li jsir il-vjatku.(17) Kien hemm Sodalita tal-Vjatku oħra f'San Ġorġ t'Għawdex tagħmel il-preparamenti kollha għall-aħħar

Sagramenti mill-knisja sad-dar tal-moribond, bil-baldakkin u bżonnijiet oħra; kienet spiċċat minħabba diffikultajiet finanzjarji, għalkemm kienipprova jqajjimha l-isqof Mattei. L-irħula l-oħra t'Għawdex kellhom il-fratellanzi jmexxu l-vjatku.(18)

## Il-Fratellanzi tas-SS.Sagrament u l-Vjatku

Fis-snin tletin tas-seklu sittax, saru l-ewwel fratellanzi tas-Sagrament f'Ruma bil-għan prinċipali li jsostnu, jonoraw u jżommu ħajjin id-devozzjonijiet assoċjati ma' l-Ewkarestija Mqaddsa. Fost ir-regolamenti għall-fratelli ta' dak iż-żmien kien hemm li kull fratellanza għandu jkollha baldakkin għal waqt it-trasport tas-Sagrament meta jmorru jqarbnu l-morda fi djarhom. Meta fratelli li joqogħdu qrib il-knisja jisimgħu it-tokki tal-vjatku kellhom imorru jakkumpanjaw bit-torċa jew xemgħa mixgħula, u jekk ma setgħux kellhom jibgħatu minn flokhom membru anzjan tal-familja tagħhom. (19)

Meta fl-1575 wasal Malta Mons. Duzina minn għand il-Papa, minbarra li dar il-gżejjer tagħna biex jirrapporta u jissuġġerixxi dwar kullma kellu x'aqsam mal-knisja waqqaf ukoll il-fratellanzi tas-Sagrament bl-istess għamla ta' statuti. Fir-Rabat ġa kien hemm ta' San Ġużepp u ta' San Mark; dawn għaqqadhom biex jakkumpanjaw il-vjatku, li kien dejjem solenni, għat-tqarbin tal-morda.(20) Ir-regolamenti li għamlilhom kienu bbażati fuq dawk ta' Ruma, u dwar il-vjatku kien hemm li qabel ma l-kappillan joħroġ iqarben f'każi ta' mard gravi, għandhom jindaqqu ħames tokki bil-qanpiena l-kbira u tifel joħroġ fit-toroq iċempel oħra żgħira biex isejjaħ lill-fratelli biex jinġabru għall-vjatku u jakkumpanjaw bit-torċa mixgħula. Is-saċerdot kellu jilbes spellizza u stola u jekk jista' jkun ukoll kappa, u jimxi bis-Sagrament taħt l-umbrella jew il-baldakkin li kellu jinżamm mill-fratelli. Quddiemhom kellu jkun hemm il-lanterna u dak li jdoqq il-qanpiena ż-żgħira. In-nisa ma kellhomx jissieħbu mal-vjatku, imma meta jisimgħu il-qanpiena kellhom jinżlu għarkobtejhom u jgħidu ħames Missierna u Sliema.(21) Fost oħrajn, twaqqfet f'Birmiftuħ biex il-fratelli jakkumpanjaw fil-vjatku tal-morda u jieħdu sehem fil-funerali; meta kien ikun ftit il-bogħod lis-saċerdot kien jakkumpanjah kjeriku bil-fanal u l-qanpiena.(22)

## Fit-Toroq

Tista' tgħid li dari kulħadd kien imut id-dar, u ftit wisq kienu dawk li jmutu fl-isptarijiet, għalhekk l-assistenza lill-moribondi kienet aktar evidenti għax għal kull wieħed

jew waħda kien joħraġ il-vjatku, u fit-triq nisimgħu lill-qassis u sħabu jkantaw is-Salm tal-*Miserere*. Waqt ir-ritorn kien jitkanta it-*Tantum ergo*.

Meta tabib kien jagħti l-parir, is-sagristan kien jiġi avżat biex jibda jnaqqar il-qanpiena tal-knisja. Timtela l-knisja bit-tfal biex jekk jista jkun jilħqu t-tronett (jew tużell), u l-qanpiena. It-tronett jew tużell, qisu tabernaklu, biex fuqu fid-djar jitqegħdu l-Ostji; kien ikollu mieġġu kexxun għall-korporal,(23) u jkun ta' l-injam indurat jew metall arġentat. Dan it-tronett għadu jintuża sa llum fil-vjatku solenni li jsir f'diversi parroċċi fiż-żmien ta' wara l-Għid il-Kbir.

F'xi parroċċi nsibu li fix-xita is-Sagrament ġie li kien jinġarr ġewwa suġġetta jew portantina, għamla ta siġġu magħluq f'gabina dekorata li jġorruha żewġ irġiel. Din kienet meżż ta' trasport għal xi familji sinjuri, isqfijiet u gran mastri fejn il-karrozzella jew il-kaless ma jwasslux jew ma jaqblux għal distanzi qosra. Xi gran mastri għamlu donazzjoni ta' suġġetta għall-użu tal-vjatku. Fil-mużew ta' Ħaż-Żabbar naraw waħda li kienet ta' Hompesch u għandha l-armi tiegħu u s-sinmbolu tal-Ostja. Fil-Belt għand il-fratellanza tas-Sagrament tad-Dumnikani hemm waħda li tahielhom Pinto fl-1770 minflok oħra li spiċċat li kellhom li kien irregalalhom Rafel Cotoner fl-1661. F'Ħal Qormi hemm waħda minn għand Pinto, u fil-kolleġġjata S.Pawl ta' L-Belt oħra minn għand De Rohan.

L-arċipriet ta' L-Imdina kien ikollu ta' sikwit imur iqarben barra t-truf tar-Rabat riekeb il-bagħala jew bil-karrettun,iżomm l-Ostji f'kaxxa ċkejkna ta' l-injam. L-insara kienu obbligati li joqgħodu għarkobtejhom meta jgħaddi l-vjatku, u jmorru warajh, dan kien isir ukoll waqt li qed jerġa lura għall-knisja. Għalhekk darba fl-1615 l-isqof kien ammonixxa lill-arċipriet għax ma kienx ġarr miegħu Ostji biżżejjed biex ikollu għar-ritorn lejn il-knisja, għax in-nies joqgħodu għarkobtejhom mhux għalih, imma għas-Sagrament.(24) Fost affarijiet oħra li ordna l-isqof Rull fl-1760, kien hemm li fix-xitwa u bil-lejl, meta s-saċerdot kellu jmur bil-karrettun biex jagħmel vjatku, miegħu kellu jmur wieħed bil-fanal u ieħor bl-umbrella.(25) Fl-1781, Rull ukoll, wara viżta pastorali fin-Nadur, ordna li l-qassisin għandhom dejjem jakkumpanjaw fil-vjatku u jeħduha min imissu kull xahar.(26)

Kull belt u raħal f'Malta u Għawdex kellu s-sistema modifikata biex il-vjatku jaqbel ma' l-eżiġenzi tiegħu. Fil-parroċċa ta' San Ġorġ t'Għawdex, bħala eżempju, il-viċi parroku lejliet li joħroġ il-vjatku solenni ta' wara l-Għid, kien jgħaddi jqarar lill-morda, u warajh xi

ħadd ieħor kien javża l-ħinijiet. Dan il-vjatku kien jibda billi qabel is-7am s-sagristan jibda jnaqqar it-tokki bil-qanpiena meżżana u mbagħad joħroġ l-istandard aħmar tal-vjatku, l-arċipriet bl-ilbies korali, qassisin, baldakkin tat-terza merfugħ minn erba' qassisin, abbatini bl-ispellizza u biż-żimarra u pellegrina ħamra jżommu l-fanali. Dak li jġor l-umbrella jimxi fuq ix-xellug tas-Sagrament. Meta l-vjatku fi triqtu jgħaddi minn ħdejn xi knejjes, dawn idoqqu l-qanpiena tagħhom malli jisimgħu il-qanpiena tat-tifel li jkun qed iċempilha tul it-triq; meta l-vjatku jkun ġej lura jerġgħu idoqqu tal-knejjes malli s-sagristani jerġgħu jisimgħuh.(27)

## Fid-Dar tal-Marid

Kitba tas-seklu sbatax turina x'kien isir fid-dar tal-marid. Malli jidħol fid-dar is-saċerdot kien iroxx l-ilma mbieriek waqt li jitlob paċi lill-familja. Lill-marid kien iħeġġu li jżomm is-sabar u l-kalma u jerħi ruħu f'idejn il-Mulej, waqt li jistaqsih jekk riedx iqerr; kien ukoll jara jekk il-moribond kienx irid jiżvela xi ħaġa biex iħaffef il-kuxjenza. Kien jgħid it-talb bil-Latin għat-tqarbin biex jgħid wqarajh il-marid.(28) Fis-seklu tmintax, f'kitba oħra, minbarra dak li rajna, bil-Malti kien jgħid l-atti tal-fidi, tama u mħabba waqt li jsir id-dlik tal-griħma tal-morda.(29)

Ħdejn il-marid tintrama mejda jew kommodina li fuqha kien ikun hemm tvalja tad-drapp jew bizzilla bajda u żewġ xemgħat mixgħulin.(30) L-abbatini li kienu jidħlu fil-kamra tal-marid kienu dawk it-tnejn li kienu jżommu f'idhom it-tużell (jew tron, bħal tabernaklu li fih jitqiegħed il-pissidi) u tal-qnpiena. Lil dawn kienu jagħtuhom xi sitt ħabbiet in-nies tad-dar, għalhekk meta kienet tinstema' l-qanpiena tal-knisja tħabbar il-vjatku, ħafna tfal kienu jiġru minn ta' quddiem biex jilħqu t-tużell (ġie li kienu jgħidulu wkoll ġirandla) u l-qanpiena biex jistgħġu jidħlu fid-dar; l-oħrajn kienu jieħdu l-fanali.(31) F'postijiet oħra, bħar-Rabat Għawdex, wara l-vjatku solenni tal-morda ta' wara l-Għid, meta l-vjatku jidħol lura u tingħata l-benedizzjoni, l-abbatini kollha kienu jibqgħu fis-sagristija u lflus li kienu jinġabru mid-djar jitqassmu bejniethom.(32)

## Seklu dsatax

Fisa-seklu dsatax il-vjatku kompla jsir fuq l-istess linji ta' qabel, iżda s-Sodalita tal-Agunija bdiet jispiċċa u żdiedu l-fratellanzi tas-Sagrament. It-tqarbin għall-morda biss u dawk li ma jistgħux joħorġu minn djarhom biex jitqarbnu tal-preċett tal-Għid kien

ikollhom il-vjatku filgħodu, iżda għall-moribondi kien isir ukoll bil-lejl għall-griżma tal-morda. Sakemm ma kienx ikun każ urġenti, il-vjatku kien ikun dejjem solenni bl-akkumpanjament tal-qassisin u sitt fanali.(33) Għalkemm it-torċa jew xemgħa kbira mixgħula baqgħet tintuża, żdiedu l-fanali ta' l-idejn bix-xemgħa fihom, u għall-ewwel kienu jużawhom f'każi ta' maltemp minflok it-torċi; wara bdew jmorru jiġbruhom tfal u kbar malli jisimgħu it-tokki biex jakkumpanjaw. Meta kien qed imut xi ħadd importanti, fejn kien hemm, kienu jakkumpanjaw ukoll tal-Kapitlu,(34) u meta jkun qed imut xi qassis ġie li kienu joħorġu l-baldakkin li ssoltu kien joħroġ aktar fuiż-żminijiet tal-Għid. Normalment kienu jdoqqu tliet tokki tal-knisja biex javżaw il-vjatku, imma dawn kienu jvarjaw ħafna minħabba li kien hemm għadd ta' tokki differenti skond jekk il-moribond kienx fratell u ta' liema fratellanzi, jekk kienx saċerdot, jekk kienx barra mir-raħal jew id-dar; il-qniepen kienu l-messaġġiera u ħabbara ta' żmienhom.

Tard filgħaxija jew bil-lejl xorta kienu jakkumpanjaw ħafna rġiel, min jagħlaq il-ħanut, min joħroġ mill-każini u min joħroġ mis-sodda. Oħrajn kienu jibqgħu wara t-twuieqi jew fil-bieb tad-dar, jixgħelu x-xemgħa, fanal, lampa tal-pitrolju jew musbieħ, jitolbu għall-moribond.(35) Waqt il-lejl kienet ukoll tindaqq l-agunija kull siegħa u xi qassisin kienu jibqgħu jitolbu fil-knisja; l-bieb tal-ġenb kien jibqa' mbexxaq biex min irid jista' jidħol jitlob. Sas-snin ħamsin konna għadna nistgħu nisimgħu din il-qanpiena.

Billi d-devozzjonijiet kienu mifruxa ħafna u tista' tgħid li kulħadd kien fratell jew konsorella f'xi fratellanza jew aktar minn waħda, kienu jidħru ħafna aktar vjatki, proċessjonijiet u fratelli fit-toroq, u diversi tpinġijiet tagħhom deheru minn żmien għal żmien. Tal-vjatku niltaqgħu ma' karakatura akkwarella ta' George Whitmore (36) u litografija ta' Brocktorff.

**Lejn it-tmiem**

L-istess stil ta' vjatku bejn wieħed u ieħor kien baqa' jsir sa nofs is-seklu għoxrin, iżda billi wara t-tieni gwerra dinjija bdiet tinbidel lis-struttura soċjali, beda jiżdied it-traffiku u jonqsu l-fratelli il-vjatku solenni beda jonqos mit-toroq u jsir biss għal żmien l-Għid il-kbir. Sas-snin ħamsin konna għadna nisimgħu xi ftit il-qanpiena tal-knisja u tat-triq tħabbar il-vjatku, iżda din siktet għal kollox. It-tibdil drasatiku li ġab warajh il-Konċilju Vatikan it-Tieni li sar fis-snin sittin kompla naqqas mill-manifestazzjonijiet tal-vjatku, u ftit ftit

wasalna biex dan isir minn qassis jew patri waħdu mingħajr ma jakkumpanjah ħadd, mingħajr suttana, bl-Ostja moħbija f'kaxxa ċkejkna mdendla m'għonqu, bilkemm jindunaw bih in-nies tat-triq. U fl-aħħarnett, fis-snin disgħin, ngħataw permess u inkarigu li joħorġu jqarbnu rġiel lajċi li aktar komplew naqqsu mis-solennita li darba kien hemm. Teknikament dan xorta jibqa' jissejjah vjatku u jilħaq l-għan essenzjali tiegħu, imma m'hu xejn ħdejn dak li konna nafu ftit sa ftit ilu; il-bniedem mhux ruħ biss għandu, u aktar jitħeġġeġ kieku jkollu wkoll manifestazzjonijiet li jistimulaw l-interess u d-devozzjoni.

---

**Referenzi**:

**(1) BUGEJA, L., BUħAGIAR, M., FIORINI, S.**(Edit.) Birgu A Maritime City II 1993 p666; **(2) SCICLUNA, H.** The Church of St. JOhn in Valletta (1955) p.210; **(3) BONNICI, ALEXANDER** Storja ta' L-Inkiżizzjoni f'Malta II (1992) p377; **(4) GALEA, MICHAEL** Grand Master Emm.De Rohan (1996) p113; **(5) TESTA, CARMELO** The Life and Times of Grand Master Pinto (1989) p325; **ALEA, MICHAEL** 1773: Il-Mewt tal-Granmastru Pinto (Pronostku Malti 1974) p.156; **(6) GALEA, MICHAEL** Mons.Labini bħala Isqof Ta' Malta (Pronostku Malti 1980 p.164); **(7) BONNICI, ALEXANDER** L-Isla II (1986) p.186; **(8) BONNICI, ALEXANDER** In-Nadur I (1984) p.257; **(9) BONNICI, ALEXANDER** L-Isla II (1986) p.241; **(10) MICALLEF, ĠUŻEPP** Ħal Luqa Niesha u Ġrajjietha (1975) p.207; **(11) BEZZINA, JOS.** Sannat fi Ġrajjet Għawdex (1989) p.195; **(12) BORG, VINCENT** Marian Devotions in the Islands of St. Paul (1983) p.107, 110; **(13) BEZZINA** op.cit. p.257; **(14) MICALLEF** op.cit. p.110; **(15) BEZZINA** op.cit.p.259; **(16) BONNICI, ALEX.** L-Isla II p.215; **(17) BONNICI, ALEXANDER** L-Isla III p.100-101; **(18) BEZZINA, JOSEPH** Religion and Politics in a Crown Colony (1985) p.111-112; **(19) MALLIA, PHILIP** Il-Fratellanza tas-SSmu Sagrtament... (1975) p4-5; **(20) AZZOPARDI, JOHN**(Edit.) St.Paul's Grotto, Church & Museum.... (1990) p.42; **(21) FSADNI, MICHAEL** Id-Dumnikani fil-Belt (1971) p.86; **(22) MICALLEF** op.cit. p.35; **(23) BONNICI, ALEXANDER** In-Nadur I p.319; **(24) AZZOPARDI** op.cit. p.42; **(25) BEZZINA** Sannat p.257; **(26) BONNICI** Nadur I p.257; **(27) VELLA APAP, NIKOL**

Il-Vjatku (Leħen is-Sewwa 14-6-1986); **(28) AZZOPARDI** OP.CIT. P.42; **(29) BEZZINA** Sannat p.257; **(30) TAURUS** Il-Vjatku (Mument 5-4-1992); **(31) BONNICI CALI, RAFEL** (Leħen is-Sewwa 16-4-1983); **(31) VELLA APAP** op.cit.; **(33) BEZZINA** Sannat p.404; **(34) BONNICI CALI** op.cit; **(35) SPITERI, R.** Il-Vjatku bil-lejl (Berqa 14-2-1967), **PORSELLA FLORES, J.F.** Drawwiet fil-Birgu u r-Rabat (L-Imnara No.11 1988) **(36)** Treasures of Malta III 1(1996 p.41, **JOHNSON, JOAN**(Edit.) The General: Travel Memoires of Gen.Sir.George Whitmore (1987) p.116-117.

---



*Vjatku; ( tpinġija ta' mill-awtur)*

## LAPSI FI DRAWWIETNA MGĦODDIJA

LORENZO ZAĦRA

Bosta użanzi u għemejjel ta' l-imgħoddi llum għebu u baqgħu biss reġistrati fil-ġrajjiet ta' limgħoddi. Jekk il-kittieb magħruf Dun Ġian Mari Farrugia tal-Birgu, f'kitbietu ta' xjuħitu ġa kien jgħid li ħafna għemejjel ta' tfulitu kienu qed jinbidlu, xejn aħna fi żmienna rajna l-għabien ta' tant ħwejjeġ u użanzi ta' tfulitna.

Fil-Birgu ta' l-imgħoddi, jum il-festa ta' Lapsi kien marbut kemm ma ċelebrazzjonijiet reliġjużi kif ukoll ma' divertiment. Jum Lapsi jfakkarna f'meta Ġesu tela' s-sema u l-kanonċi tal-Birgu bħal oħrajn kienu jagħmlu tlitt ijiem ta' proċessjoni qasira ta' penitenza, magħrufa wkoll bħala tar-Rogazzjoni. Hawn min jaħseb li l-kelma Lapsi tfisser "tiġrif" għax fiż-żmien ewlieni tal-persekuzzjoniji ta' l-insara f "Ruma ġie li kien hemm insara li beżgħu jieħdu l-martirju għall-fidi, iżda għalew u talbu li jerġgħu jidħlu fil-Knisja. Kienu jiġu milqugħin mill-ġdid wara prenitenzi, f'jum Lapsi.

Wara li dari fil-Birgu kienet issir proċessjoni bl-istatwa ta' Kristu tiela' s-sema, in-nies kienu jtugħa għad-divertiment. L-istatwa ta' Kristu tiela' s-sema, sa qabel il-gwerra kienet tinżamm fil-knisja tal-Karmnu, imma wara l-gwerra, meta l-knisja saret maħżen għall-armar tal-festa, l-istatwa ġiet mormija, u llum baqa' xi fdal imwarrab.

Ħafna nies għadhom jiftakru l-bandli ta' Lapsi. Biex joqgħodu aktar minn persuna waħda fuqha, il-bandla kienet tkun tavla, Kulħadd kien ifittex il-mod tiegħu; min jorbotha f'daħla ta' xi bieb għoli, min minn ħajt għall-ieħor, jew wkoll mal-friegħi tas-siġar. Ma kienx jimporta fejn; l-importanti li kulħaddjitbandal.

Bosta nies oħra kienu jbakkru biex imorru jibburdjaw, għalhekk minn kmieni wara l-quddiesa ta' l-ewwel, kienu jitilqu bil-ġewlaq ta' l-ikel magħom u jerħulha lejn "It-Toqba l-Qadima" jew "It-Toqba l-Ġdida" u hemm jarmaw il-luger u bil-mod jerħulha jibburdjaw għaż-żiffa ħelwa. Oħrajn kienu joħorġu bil-fregatina, luzzu jew baqqa li minn qabel kienu jħejju miżbugħa biex jagħmlu jum fuq il-baħar.

Skond id-daqs ta' l-opra kienu jmorru lejn San Ġiljan, Bigħi, Rinella jew Marsaxlokk.

Ħafna familji li ma kienx ikollhom biċċa tal-baħar, minn kmieni kienu jmorru jfittxu x-xtajtiet. Bosta kienu jmorru lejn Ix-Xgħajra qrib Ħaż-Żabbar fejn jgħaddu l-jum. Oħrajn kien ikollhom xi kamra qrib il-baħar. Kienu jmorru bil-mixi, jew jirkbu l-karrozzin minn "Fejn Sabu s-Sinjur".

Nies oħrajn tal-Birgu kienu jinżlu "Taħt il-Bandiera" . Hemm ukoll kien jimtela' niex, kulħadd isajjar fil-beraħ, bl-irwejjaħ u dħaħen telgħin, tfal jilgħabu u jiġġerrew, min ikanta u min iċapċap. Kient tkun festa tal-familja, bid-daħq, żuffjett, daqq tal-kitarri u orgni tal-ħalq. Ma kienx jonqos l-imbid, li allura kienu jsejjħulu "ħalib tax-xjuħ"; oħrajn kienu jgħidulu "il-mixgħela" għax b'xarba mbid kienu jixgħelu fil-għena u jaraw id-dinja ddur.

In-naħa l-oħra fil-Belt Valletta, bosta nies kienu jimlew "Il-Fossa" jew "Taħt Iż-Żiermel", u Sa Maison; hemm ukoll kienu jgħaddu l-jum jgħannu qrib il-baħar, isajjru u jieklu.

Meta taqra fuq dawn l-użanzi ta' missirijietna tħoss il-bidla li rajna, b'tant karrozzi, jottijiet u ikel fir-restoranti u lukandi kullimkien!

---

**AWGURI lil Rafel Bonnici Calì**

L-Editur u l-Kumitat tal-Għaqda Tal Folklor jixtiequ jifirħu lis-Sur Rafel Bonnici Calì li din is-sena għalaq 92 sena. Huwa wieħed mill-Presidenti Onorarji tagħna, wieħed mill-fundaturi tal-Għaqda tagħna, u spiss għamel kitbiet għall-L-Imnara. Minbarra ix-xogħol tiegħu dejjem kien, u għadu jaħdem għall-interess tal-folklor Malti. Nawgurawlu aktar snin ta' saħħa u xogħol.

**LISTA TAL-MEMBRI EFFETTIVI TAL-GĦADQA MALTIJA TAL-FOLKLOR**

**GĦAS-SENA 1998**

*Presidenti Onorarji*

Ġużè Cassar Pullicino A.L.A., Rafel Bonnici Calì, Karmen Mikallef Buħaġar

*Membri Onorarji*

M'me Aurore Vêriè

*Membri Effettivi*

Agius, Tommy "Bougainville" 14 Triq il-Ferrovija, S.Venera HMR 16

Bajada, SJoseph "M.Ta' Pinu" Vjal 8 Setembru, Xagħra, Gozo

Bianchi, B.Sc., Nicholas "Villa Fort" Triq Preca, Lija, BZN 04

Bonello, E. 52, Triq L-Isqof Labini, B'Kara BKR 05

Bonnici, John A. Bip.Bus.Law & Acc.,"Marise" 168 Fl.2,
Old Railway Ave. Balzan

Borg Cardona, B.A., L.T.C.L., Anna "Ċiklamina" Triq il-Qarċilla,
Ħal Balzan

Calleja, Frankie "Tinkerbelle" Triq il-Kunvent, Żabbar

Camilleri, B.A.(Gen.) Jos. C. "Ilqugħ" Triq il-Muskatell, Attard

Cassar, Anthony "Eltonville" Triq B'uġa, Għaxaq

Cassar B.A., M.Ed., George 78, Triq Papa Piju XII, Mosta

**Cassar Jonathan "Flinnville" Triq il-Barjola, GUDJA**

Cassar, Lawrence 24-25, Triq Zondadari, Rabat, Malta

Cesare, Salv. 14, Triq Laqxija, B'kara

Chetcuti, Ġuże "Żerniq",8/10, Triq Għar il-lenbi,Tas-Sliema

Chircop, John 53, Triq Fikus, Żabbar ZBR 07

Cremona, John 54, Triq S. Ġwann Bosco, Rabat, Għawdex

Debono, John "Bethel" Triq Karmnu, B'kara

Delicata, John "Doris" 26, Triq Sir Anthony Micallef, Ħal Balzan

Diacono, Josephine 9, Triq G.Agius Muscat, Żabbar

Dougall, Angelo 76, Triq S.Mikiel, B'uġa

Ellul, Joe 60, Triq S.Rokku, Qormi

Ellul Galea, Karmenu 32, Triq Tal-Borġ, Paola

Farrugia, Anton 17, Pjazza tal-Knisja, Mqabba

Farrugia Frans "Mon Delice" Dawret Ħal Għaxaq, Ħal Għaxaq

Fava, B.Sc., M.D., Dr. C. "Constantia" Sqaq Ċafċaf, Madliena

Felice, B.Ch.D., Dr. John Krypton Chemists, S.Andrews

Fenech, Alfred "Grezz", Triq id-Dirsa, Attard

Fenech, Jos.M. 7, "Massabielle" Triq Mons.M.Azzopardi, Siġġiewi

Fenech, Louis "Faraġ", Triq Stefano Erardi, L-Iklin

Fenech, Martha 26, Triq Ponsonby, Mosta

Formosa, B.A., Patrick "Patros" Triq Wignacourt, B'kara

Ganado, B.A., LL.D. K.M., Dr.Albert 1,Triq M.Anton Vassalli, Valletta

Gatt, Emanuel 3, Alley 1, Barracks Str., Ħal Qormi

Gatt, Ġużi 7 Blk.C, Perry Court, Triq Birkirkara, San Ġiljan

Griffiths, M.D., F.R.C.S., Prof. V. 7, Triq il-Palma, S.Ġiljan

Grima, Arthur 34b, Triq S. Mikiel, B'uġa

Grima, B.A.,M.A., Joe "Kosi Kot" Triq Ġużè' Ellul Mercer, Qormi

Grixti, Raymond "The Winds" Triq Clematis, Santa Luċija

Guillaumier, Alfie 12, Triq Villambrosa, Ħamrun

Jaccarini, M.D., F.R.C.P., Dr. C.J. "Dovedale" Garden Crescent, S. Ġiljan

Lanfranco, Guido 78, Triq S. Trofimu, Tas-Sliema

Magri-Naudi, Magda 40 "Torsance" 5,Triq Karlu Darmanin Lija

Mallia, A.C.I.B., F.I.Met., Alfred "Is-Sebuka" Triq ta' Marmora, San Ġiljan

Masini, L.P., Franco "Citadella" Triq il-Linja, Ħ'Attard

Micallef, Joseph W. 1, Norfolk Str. Sliema

Mifsud Chircop B.A.(Hons.), M.A., Ġorġ "Fommu Bil-Għasel"
Triq il-Bufula Hamra, Mosta

Pellegrini, LL.D., Dr. Franco "Sonata" Triq Tal-Mirakli, Lija

Pisani, Maria 194, Triq S.Pawl, Valletta

Porsella Flores, J.F. 69, Triq il-Palma, Paola

Puli, Mary 52 Triq S. Agata, Tas-Sliema.

Ragonesi, Anita 6, The Oasis, B'kara Hill, St. JUlians

Risso, Capt. R, "Mon Fleur" Triq S. Antnin, San Ġwann

Saliba, Raymond 81 Triq Giov.Barbara Hamrun HMR 05

Sammut, Catherine 13 Pjazza S.Leonardo Mosta MST 06

Sammut, Julian 79, Triq Tal-Grazzja, Ħaż-Żebbuġ ZBG 04

Sammut Testaferrata, M.A., M.Phil., Jos. "Damaris"
Triq Lascaris, Ponta tal-Qawra

Sant Cassia, Dr. Anthony 92, Triq Ugo Mifsud, Lija

Sarè J.C. 166, Rudolphe Str., Tas-Sliema

Schembri, Anthony "Renton", Triq Ħaż-Żabbar, Fgura

Schembri A.F.M., Lieut. Col. Mario B/4, Triq Bellavista, San Ġwann

Sciberras, John "April" Old Church Str., Birkirkara

Scicluna, John C. "Casa Scicluna" 18, Triq Robert Samut
Tal-Virtu', Rabat, Malta

Scicluna, Maerlene "Tamarisk" Triq Ġużeppi Montebello, Tarxien

Seychell, Charles "Il-Qannata" Triq L-Arkibusier, Żejtun

Soler, Albert, "Villa Maria" Triq Iż-Żerniq. Tal-Qattus, B'kara

Spiteri Maempel, Mario "Marcic" Triq L-Imdina, Balzan

Tanti, Joe M. "The Greenfields" Triq L-Inkwina, S. Venera

Tedesco, Joe "Sunshine" Triq L-Aħwa Zammit, Qormi

Testaferrata Bonici, Marquis J.P. 36, Triq il-Kbira, Ħal Lija

Vella Bondin, Joe 54, Triq il-Parroċċa S.Venera HMR 18

Zahra, Lorenzo, "San Lorenzo" 18, Triq Żerafa, Marsa

Zahra, Vincent, P. C-18/1, Triq Sophia, Bormla

Zammit, Caroline "Casa Zammit" Triq Mons.A.Mifsud Ta Xbiex

Zammit Maempel M.Q.R.,D.Sc.(Hon.Causa),M.D., Dr. George
53, Main Str., Birkirkara

Zarb, Marie Clare 2, Planet Court, Tigne Sea Front, Tas-Sliema

Nota: Din il-lista tal-Membri Effettivi turi biss dawk li ħallsu s-sħubija tagħhom tas-sena 1998. Dan ma jfissirx li dawk li għadhom ftit lura fil-ħlas mgħadhomx membri. Għad hemm minħallas sal-1997, u għalhekk ma jidhrux f'din il-lista. Lil dawn inħeġġuhom jirregolarizzaw ruħhom kif ġa tlabnihom f'ċirkolarijiet personali. L-Imnara tinbagħat ukoll f'dawn il-Libreriji: Librerija Nazzjonali, Valletta; Librerija Nazzjonali Għawdex; Librerija ta' l-Universita; Librerija tal-Mużew Nazzjonali Valletta

---

## IL-KUMITAT TAL-GħAQDA TAL-FOLKLOR GHAS-SENA 1998

*Presidenti Onorarji*

Ġużè Cassar Pullicino A.L.A., Rafel Bonnici Calì, Karmen Mikallef Buħaġar

*Membri Onorarji*

M'me Aurore Vèriè

| | |
|---|---|
| President: | Sur Guido Lanfranco |
| Viċi President: | Sin'a Maria Pisani |
| Segretarju: | Sur Alfred Fenech |
| Assistent Segretarju: | Sur Angelo Dougall |
| Teżorier: | Sur J.F.Porsella-Flores |
| Assistent Teżorier: | Sur Joseph Fenech |
| Membri: | Sur Frans Farrugia |
| | Sur Lewis Fenech |
| | Sur Charles Seychell |
| Editur: | Sur Guido Lanfranco |
| Awditur 1998: | Sur Alfred Mallia |

**Apprezzament**



In-Nutar VINCENZO MARIA PELLEGRINI

Miet fl-1 ta' Ottubru 1997 fil-għomor ta' 86 sena. Kien magħruf bħala poeta u kittieb dwar diversi suġġetti bil-Malti, Ingliż uTaljan, għalkemm kien jaf dversi lingwi oħrajn. Kien ukoll president, editur, u membru f'bosta għaqdiet kulturali. Tul ħajtu dejjem attiv, kiteb għadd konsiderevoli ta' kotba, fi proża,drammi, poeżiji u artikoli li jiffurmaw kolonna mill-patrimonju letterarju tagħna. Dejjem kont issibu fuq quddiem fejn tidħol il-kultura tagħna.Kien ilu membru tal-Għaqda tagħna tal-Folklor, xi żmien fil - kumitat u wkoll sena president fl-1985; wara baqa' bħala wieħed mill-Presidenti Onorarji. Bejn l-1978 u l-1986 ikkontribwixxa wkoll sitt artikoli għall-"Imnara". Il-kontribut tiegħu lill - kultura Maltija qatt ma jkun minsi. Nagħtu l - kondoljanzi lill - familja tiegħu.



ĠUŻI BUONTEMPO Miet fit-12 ta' April 1998 fil-għomor ta' 88 sena. Kien ilu membru ta'l-Għaqda tagħna tal-Folklor, u għal diversi snin ukoll fuq il - kumitat fejn għal xi żmien kien viċi president. Mill-1996 sar Viċi President Onorarju. Kien dejjem ta' nkuraġġiment għalina bl - attendenza tiegħu f' kull attivita li nagħmlu,ukoll sa sentejn qabel miet.Kien iħobb ħafna id - drawwiet ta' żmien il-Ġimgħa l-Kbira u L - Għid il - Kbir, l - aktar ta' Bormla L - Isla u L - Birgu, u dwarhom kiteb ukoll fl - "Imnara" fost l- għaxar artikoli li kkontribwixxa bejn l-1983 u l-1992, kollha fuq esperjenzi personali fl-imgħoddi. Nagħtu l-kondoljanzi lill-familja tiegħu.